

32006D0174

L 62/26

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

3.3.2006

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tas-27 ta' Frar 2006**

**li temenda d-Deċiżjoni 2000/24/KE sabiex tinkludi
l-Maldives fil-lista tal-pajjiżi koperti, wara
t-tsunami fl-Oċean Indjan ta' Diċembru 2004**

(2006/174/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 181a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew¹,

¹ Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Jannar 2006 (għada mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

Billi:

- (1) It-tsunami fir-reġjun ta' l-Oċean Indjan fis-26 ta' Diċembru 2004 kkawża ħsarat kbar f'ċerti reġjuni kostali ta' pajjiżi fil-viċinanzi.
- (2) Il-Bank Ewropew ta' l-Investment identifika proġetti potenzjali fil-pajjiżi l-aktar milquta b'mod serju, inklużi l-Maldive, li jistgħu jibbenefikaw minnhom entitajiet li soffrew telf dirett jew indirett bħala riżultat tat-tsumani.
- (3) Id-Deċiżjoni 2000/24/KE tat-22 ta' Diċembru 1999 li tagħti garanzija komunitarja lill-Bank Ewropew ta' l-Investment kontra t-telf minn self għal proġetti barra l-Komunità (l-Ewropa Ċentrali u dik tal-Lvant, il-pajjiżi Mediterranji, l-Amerika Latina u l-Asja, u r-Repubblika ta' l-Afrika ta' Isfel)¹ ma tinkludix il-Maldive fil-lista tal-pajjiżi koperti.
- (4) Id-Deċiżjoni 2000/24/KE għandha għalhekk tiġi emendata kif xieraq,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

¹ ĠU L 9, 13.1.2000, p. 24. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni 2005/47/KE (ĠU L 21, 25.1.2005, p. 9).

Artikolu 1

L-Artikolu 1(2) tad-Deċiżjoni 2000/24/KE għandha tiġi emendata kif ġej,

- fir-raba' inċiż il-kelma "il-Maldivi" għandha tiddaħħal bejn il-kliem "il-Malasja" u "il-Mongolja".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, 27 ta' Frar 2006.

Għall-Kunsill

Il-President

U. PLASSNIK
